Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2009

Numru 725/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIA MICALLEF**

**KONTRA**

**CHRISTIANSEN BARTOLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christiansen Bartolo, ta’ 28 sena, bin Joseph Mary u Rita nee’ Saliba, mwieled Pieta’ nhar is- 17 ta’ Lulju 1981, minghajr indirizz fiss, u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 386181(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l-24 ta’ Lulju 2009, f’dawn il- gzejjer u cioe’ fil-Pieta’;

1) ikkommetta serq minn gewwa vettura bin- numru MIR 081 tal- ghamla Fiat Punto, li sar ghad- detriment ta’ Miriam Frendo Cumbo u/ jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jeccedi s- somma ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) ikkommetta serq minn gewwa vettura bin- numru JPC 018 tal- ghamla Opel Kadett, li sar ghad- detriment ta’ Jean Pierre Cachia u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, u bix- xorta tal- haga misruqa;

3) akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobli jew imobli, meta ghamel hsara fuq vettura numru tar- registrazzjoni MIR 081 tal-ghamla Fiat Punto, ghad- dannu ta’ Miriam Frendo Cumbo u/ jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l- elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€164.69), imma izjed minn mija u sittax- il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

4) akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobli jew imobli, meta ghamel hsara fuq vettura numru tar- registrazzjoni JPC 018 tal- ghamla Opel Kadett, ghad- dannu ta’ Jean Pierre Cachia u/ jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l- elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

5) akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, gharraq hwejjeg haddiehor mobli jew imobli, meta ghamel hsara fuq vettura numru tar- registrazzjoni WWW 123 tal- ghamla Nissan Sunny, ghad- dannu ta’ Daniel Scicluna u/ jew

persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l- elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax il- ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

6) akkuzat ukoll talli f'dawn l- ahhar jiem, f'dawn il-gzejjer ghex hajja ta' ghaz u vagabundagg;

7) u fl- ahhar nett talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal- Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu kif ukoll bi ksur tal- Probation a tenur tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) u lliberatu bil- kundizzjonijiet kontemplati fl- istess Artikolu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tathu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 325 (b), 338 (w) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------